MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 342/2010/1

**Mediterranean Building Finishes Ltd**

**v.**

**Scala Developments Limited**

## Il-Qorti:

Illi b'dawn il-proceduri s-socjeta` Scala Developments Ltd qed tipprova zzomm lis-socjeta` Mediterranean Building Finishes Ltd milli tesegwixxi "titolu ezekuttiv" li tallega li akkwistat bil-hrug ta' Ittra Ufficjali datata 3 ta' Settembru 2009, fejn saret talba ghal hlas tas-somma ta' €20,844.18.

Din l-Ittra Ufficjali gietipprezentata *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ggib in-numru 3198/09. Inharget kontra “Perit Patrick Grixti Soler, f’ismu proprju u f’isem is-socjeta` Scala Developments Limited (c18453) ta’ 53, Amery Street Sliema”. Is-socjeta` kreditrici talbet li z-zewg intimati jigu notifikati separatament, u fil-fatt, mir-riferti jidher li kemm il-Perit Patrick Grixti Soler u Scala Developments Ltd gew notifikati separatament fit-12 ta’ Settembru 2009.

Insegwitu ghal din in-notifika, giet ipprezentata Nota ta’ Kontestazzjoni fl-1 ta’ Ottubru 2009, minn “Patrick Grixti Soler (ID 93552M)”. Fid-dawl ta’ din in-Nota, ir-Registratur tal-Qorti, fit-22 ta’ Ottubru 2009, iddikjarat li l-Ittra Ufficjali giet reza ezekuttiva “limitatament fil-kaz ta’ Scala Developments Limited.”

Is-socjeta` kreditrici Mediterranean Building Finishes Ltd, in forza ta’ dan it-titolu ezekuttiv, talbet il-hrug ta’ Mandat ta’ Qbid ta’ Hwejjeg Imobbli fuq il-blokk ta’ bini bin-numru 37, Tigne Seafront Sliema, li hu proprjeta` tas-socjeta` Scala Developments Ltd, is-socjeta` li fil-konfront taghha giet reza ezekuttiva l-Ittra Ufficjali tat-3 ta’ Settembru 2009. Il-PrimAwla tal-Qorti Civili laqghet it-talba b’digriet tas-7 ta’ Settembru 2010, u ordnat in-notifiki relattivi; is-socjeta` msemmija giet notifikata fil-11 ta’ Settembru 2010.
Fit-28 ta’ Ottubru 2010, is-socjeta` Scala Developments Ltd ressqet rikors li bih talbet ir-revoka tal-imsemmi Mandat ta’ Qbid u tat-titolu ezekuttiv vantat mis-socjeta` kredittrici. Wara li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ordnat in-notifika tar-rikors lill-parti l-ohra u ezaminat ir-risposta, b’decizjoni tas-17 ta’ Novembru 2010, cahdet it-talba wara li qieset li l-procedura adottata mhux dik idonea skont il-ligi, u wara li kkonsidrat ukoll li s-socjeta` rikorrenti ma ghamlet l-ebda Nota ta’ twegiba fiz-zmien stipulat ghall-Ittra Ufficjali tal-Mediterranean Building Finishes Ltd.

Is-socjeta` Scala Developments Ltd ressqet appell kontra din id-decizjoni u ressqet tlett aggravji principali: (i) li l-procedura minnha uzata kienet korretta; (ii) li d-decizjoni

hija nulla ghax kellha tinghata mill-Qorti bil-miftuh kif irid l-Artikolu 281 tal-imsemmi Kap. 12; u (iii) li, f'kull kaz, hi ghandha titqies li ressqet opposizzjoni valida ghall-Ittra Ufficjali bin-Nota tal-1 ta' Ottubru 2009.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti ezaminat l-Artikolu 166A tal-imsemmi Kap. 12, u tosserva li, proprjament, biex jigi attakkat titolu ezekuttiv akkwistat bis-sahha ta' dak l-artikolu kellha tintuza l-procedura stabbilita fis-sub-artikolu (5) tal-istess artikolu. Il-ligi trid li jekk l-Ittra Ufficjali tigi kontestata, il-materja tieqaf hemm u l-pretiz kreditur ikun irid jipprocedi b'kawza biex jakkwista kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu. Jekk min-naha l-ohra, l-Ittra Ufficjali ma tigix kontestata, ma tridx li d-debitur jerga' jiftah il-kaz wara l-akkwist tat-titolu ezekuttiv, hlief f'kaz li l-Ittra Ufficjali tkun difettuza fil-forma jew ma saritx in-notifika taghha skont il-ligi. Il-Legislatur ma riedx li debitur li jinjora l-Ittra Ufficjali, in estremis jipprova jikkontesta t-titolu u jistultifika l-ezekuzzjoni tat-titolu akkwistat b'allegazzjonijiet li jolqtu l-meritu tal-pretensjoni kif dedotta mill-mittent fl-Ittra Ufficjali li giet reza ezekuttiva. Ma jidhirx li kien il-hsieb li r-rimedju ordinarju ta' kontestazzjoni ta' titoli ezekuttivi, ipprovdut fl-Artikolu 281 tal-imsemmi Kap. 12, kellu japplika ghal dan it-titolu akkwistat bis-sahha tal-Artikolu 166A, ghax kieku ma kienx jigi pprovdut rimedju specjali fis-sub-artikolu (5) tal-istess Artikolu 166A.

Ghalkemm dan jidher li kien il-hsieb tal-Legislatur, ir-rimedju pprovdut fl-Artikolu 281, hu pprovdut "minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra", u allura hu applikabbli anke ghal kaz tat-titolu ezekuttiv akkwistat bis-sahha tal-Artikolu 166A. Dawn il-kliem tal-ligi ma jhallu ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li dak ir-rimedju ampju u generali jghodd ukoll ghal kull titolu ezekuttiv akkwistat bis-sahha tal-Artikolu 166A, avolja dan tal-ahhar jikkontempla procedura specjali u maghluqa fiha nfisha.

L-Artikolu 281 jigi fl-ahhar ta' titolu intestat "Fuq l-ezekuzzjoni tas-sentenzi u ta' Titolu Ezekuttivi ohra", u ghalkemm dak it-titolu ma jelenkax fl-Artikolu 253 fost it-

titolu ezekuttivi, dak akkwistat bis-sahha tal-Artikolu 166A, is-sub-artikolu (4) ta' dan l-ahhar artikolu jipprovdi li jekk l-Ittra Ufficjali ma tigix kontestata dik l-ittra tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhalikieku dik l-Ittra Ufficjali kienet inkluza fl-Artikolu 253(a), jigifieri mas-sentenzi u d-digrieti tal-qrati. Kwindi, ma jistax jitqies mhux applikabbli l-Artikolu 281 ghal kaz in ezami. L-Artikolu 281, bit-terminologija uzata mil-Legislatur, joffri rimedju generali apparti minn dik specjali kontemplata fl-Artikolu 166A, u sta ghal-Legislatur li, jekk jidhirlu mod iehor, jirrimedja ghal dak li jinsab fil-ligi.

Kwindi, il-procedura a bazi tal-Artikolu 281 li uzat is-socjeta` Scala Developments Ltd biex tattakka t-titolu ezekuttiv ma tistax titqies mhux idoneja. Din is-socjeta`, pero`, tghid li d-decizjoni tal-ewwel Qorti ghandha titqies nulla ghax il-Qorti kellha izzomm udjenza qabel ma tiddeciedi u taghti d-decizjoni bil-miftuh.

Li l-ewwel Qorti kellha bilfors izomm udjenza biex tisma l-partijiet, mhux mehtieg mil-ligi. L-Artikolu 281(3) jiddisponi li l-Qorti ghandha tiddeciedi fuq it-talba "wara s-smiegh tal-partijiet, u kull xhieda li jidhrilha xierqa, jekk tahseb hekk."

Hu ovvju li d-diskrezzjoni moghti lill-Qorti "jekk tahseb hekk", jirreferi ghas-smiegh tal-partijiet, ghax is-smiegh tax-xhieda hu diga` kkondizzjonat bil-frazi "li jidhrilha xierqa". Kwindi, ghalkemm ir-rikors irid jigi notifikat lill-parti diversa, jekk il-Qorti adita tismax jew le lill-partijiet u/jew xhieda, hu mholli fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti.

Is-subartikolu (4) jipprovdi li appell minn tali digriet ghandu jsir fi zmien sitt (6) ijiem "minn meta d-digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh". Dan ma jwassalx ghal konsegwenza, kif targumenta s-socjeta` appellanti, li l-kaz irid jinstema' bil-miftuh. Kif rajna, dan hu mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Dan is-subartikolu jiddisponi li t-terminu tal-appell jibda jiddekorri wara qari tad-decizjoni bil-miftuh. Il-qari tad-decizjoni mill-Qorti bil-miftuh mhux mehtieg ghall-validita` tad-decizjoni, izda biex jibda jiddekorri t-terminu ghall-appell. Jekk id-decizjoni tinghata in camera, l-istess decizjoni tkun valida, u sta ghal min hu interessat jitlob lill-

Qorti taghti l-provvediment bil-miftuh halli jibda jiddekorri z-zmien tal-appell. Meta jsir hekk il-Qorti tkun trid tappunta r-rikors ghal gurnata u, wara li jsiru d-debiti notifiki, tipprocedi billi taqra d-decizjoni taghha bil-miftuh.

F'dan il-kaz, allura, id-decizjoni li tat l-ewwel Qorti, fis-17 ta’ Novembru 2010, hija valida u la darba l-parti aggravata bid-decizjoni appellat regolarment, mhux kaz li din il-Qorti tirrinvija l-atti ghal quddiem l-ewwel Qorti ghal “qari” tad-decizjoni. Dak il-qari huwa mehtieg biex jiskata t-terminu ta’ sitt ijiem ghall-appell; darba, pero`, li l-appell tressaq b’mod legittimu, ma hemmx pregudizzju x’jigi soffert min ebda parti u kwindi, lanqas ma hemm lok ghat-thassir tad-decizjoni impunjata.
Trattat issa s-sustanza tal-aggravju, din il-Qorti ma taqbilx li s-socjeta` Scala Developments Ltd ikkontestat l-Ittra Ufficjali tas-socjeta` kreditrici. L-Ittra Ufficjali tressqet kontra zewg persuni b’personalita` distinta. Ghalkemm is-socjeta` intimata ma kellhiex ghalfejn tigi citata bl-isem tar-rapprezentant taghha, hu car li l-Ittra giet intavolata kontra zewg persuni u, fil-fatt, intalab li z-zewg persuni (wahda naturali u l-ohra legali) jigu notifikati separatament. Il-kontestazzjoni saret biss permezz ta’ “Nota ta’ Patrick Grixti Soler”, u minn hadd aktar. F’din in-Nota hemm registrat ukoll minn min irredigiha li l-esponenti hu “Patrick Grixti Soler, 54 Amery Street, Sliema”, li jikkonferma li ma saritx ukoll f’isem is-socjeta`. Veru li s-Sur Grixti Soler gie citat f’zewg vesti, pero`, ikkontesta f’ismu biss, u stqarr ukoll li permezz ta’ dik in-Nota, kien qed “<u>jopponi</u>” (fis-singular) il-pretensjonijiet kollha. Il-ligi stess tikkontempla kontestazzjoni in parte, u meta si tratta minn interpellazzjoni diretta lejn tnejn jew aktar debituri, hu mehtieg li n-Nota ta’ Kontestazzjoni issir mid-debituri kollha (jekk irridu jikkontestaw il-pretensjoni) kif trid il-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` Scala Developments Ltd billi, ghalkemm tiddikjara li l-procedura uzata kienet idonea, tichad l-istess u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-materja jithallsu mis-socjeta` appellanti Scala Developments Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------